NEWSPAPER POST

# NISĠET ARTNA

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MIS-SEGRETARJAT TAL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI



# GĦEŻIEŻ QARREJJA,

Għal darb'oħra nerġa' nsellmilkom. Waslet ix-xitwa u magħha wasal ukoll iż-żmien mistenni tal-Milied kif ukoll bidu ta' sena ġdida. Għal ħafna dan huwa żmien ta' ferħ, żmien li nqattgħu iktar ħin mal-familja u mal-ħbieb. Il-ħajja bħal donnha tikkalma xi ftit u wieħed ikollu iktar cans jirrifletti fuq il-ġrajjiet li jkun għadda minnhom matul is-sena. Il-maġġoranza tan-nies jagħmlu wkoll xi reżoluzzjoni għas-sena l-ġdida, min forsi biex jibda xi ftit eżerċizzju u min forsi biex jagħti iktar sehmu fis-soċjetà b'xi volontarjat. Madankollu, irridu niftakru f'min hu inqas ixxurtjat minna. Sfortunatament dan iż-żmien mhux sabiħ għal kulħadd. Niftakru f'dawk l-anzjani li jinsabu waħidhom u mixtiqin mill-kumpanija u mill-għajnuna, f'dawk it-tfal li huma fil-bżonn u forsi anke neqsin minn xi neċessitajiet bħal ħwejjeġ u xi ftit ġugarelli, f'min hu marid jew għaddej minn xi mument ikrah f'ħajtu u anke l-annimali li jinsabu abbandunati jew f'xi santwarju. L-isbaħ rigal li tista' tagħti f'dan iż-żmien hu li toffri kumpanija jew għajnuna lil min hu fil-bżonn. Apparti li tkun qed tgħin, il-paċi li wieħed iħoss f'qalbu hija kbira. U hekk għandu jkun l-ispirtu tal-Milied!

Permezz ta' dan l-editorjal nixtieq ukoll ngħaddi messaġġ lil dawk li beħsiebhom jadottaw jew jixtru xi annimal biex jingħata bħala rigal. Dejjem ftakru li annimal huwa ħaġa ħajja li tirrikjedi l-ħin u l-impenn u rridu nkunu lesti noffrulu ħajja xierqa u l-kura kollha meħtieġa għal ħafna snin. Għalhekk aħsbuha darbtejn qabel tagħmlu dan il-pass għaliex sfortunatament ħafna annimali li jinsabu abbandunati kważi kollha xi darba jew oħra kienu ġo familja u għal xi raġuni spiċċaw kemm fit-toroq kif ukoll fis-santwarji.

Din is-sena kienet l-ewwel sena tiegħi bħala editur. Kien xogħol ġdid għalija iżda bis-saħħa tal-kollegi, tal-kontributuri u tagħkom il-qarrejja stajna nwasslu dejjem pubblikazzjoni li mill-kummenti tagħkom ninsab ċerta li ntlaqgħet tajjeb. Ta' dan nirringrazzjakom mill-qalb.

Nixtieq nagħlaq billi nawgura l-Milied it-tajjeb lil kulħadd u sena mimlija risq, hena u saħħa. Tinsewx dejjem tissieħbu magħna fuq il-paġna ta' Facebook "Nisġet Artna" sabiex dejjem tibqgħu aġġornati b'dak kollu li jkun għaddej fi ħdan is-Segretarjat tal-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali.

Tislijiet,

*Claire Cauchi*

## NISĠET ARTNA

Pubblikazzjoni maħruġa mis-Segretarjat tal-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

Direttorat għad-Diversifikazzjoni u l-Kompetittività,
Ċentru ta' Riċerka u Żvilupp L-Għammieri,
Triq l-Ingiered, Il-Marsa, MRS 3303



Ritratt
Joseph Mercieca
Il-Fanal tal-Gordan
L-Għasri, Għawdex

Kordinatriċi
Leanne Bajada

Editur
Claire Cauchi

Kontributuri
David Bartolo
Robert Cutajar
Jeffrey Sciberras
Arnold Sciberras
Maria Micallef
Malcolm Vassallo
Anton B Dougall
Matthew Zammit
Joseph Jason Abela
Alexander Borg Galea
Mario Salerno
Louis Fresta

Qari tal-provi
Braden Saffrett

Disinn
Max Saliba

Stampar
Governemt Printing Press

## Werrej

03. INTRODUZZJONI MILL-ONOREVOLI CLINT CAMILLERI

04. L-ENZIMA PROTEASE FL-GĦALF TAT-TJUR TAS-SIMNA

05. REGOLAMENTI ĠODDA DWAR IŻ-ŻAMMA TAL-KLIEB: DAQSHEKK KLIEB MARBUTIN BI KTAJJEN

06. RDP

06. PREŻENTAZZJONI LID-DIRETTORAT MILL-ISTUDENTI TAL-ISKOLA PRIMARJA TAL-MOSTA

07. INFETAĦ L-ISTAĠUN GĦALL-INSIB TAL-PLUVIERA U L-MELVIZZ

08. XOGĦOL U PRATTIĊI FIL-ĠONNA FIX-XITWA

10. MALTA TIPPUBBLIKA L-EWWEL NOTIFIKA TAL-KONTROLLI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROTOKOLL TA' NAGOYA

14. XOGĦOL FUQ WIDIEN MIS-SEZZJONI TAL-VALLEY MANAGEMENT FI ĦDAN AMBJENT MALTA

15. IFFIRMAT L-EWWEL PJAN TA' AZZJONI REĠJONALI GĦAS-SAJD ARTIĠJANALI FIL-MEDITERRAN U L-BAĦAR L-ISWED

16. IL-KAPPELLA TAL-PROVIDENZA, IS-SIĠĠIEWI

17. FORZA MAĠĠURI

18. €2 MILJUN BIEX JIĠU RRANĠATI U JINBNEW MILL-ĠDID TOROQ RURALI F'GĦAWDEX

20. IL-JUM IDDEDIKAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI

21. €80,000 F'SERVIZZI VETERINARJI B'XEJN – TITWETTAQ WEGĦDA ELETTORALI OĦRA

22. ARTIKLU TAT-TFAL

23. RIĊETTI

Wasal Milied ieħor u ftit tal-jiem oħra nibdew ukoll sena ġdida, 12-il xahar li qegħdin inħarsu lejhom b'impenn u b'ottimiżmu għal aktar ħidma biex insaħħu s-setturi tal-agrikoltura, tas-sajd u tad-drittijiet tal-annimali. Ħdimna ħafna f'din l-aħħar sena u nofs sabiex wettaqna wegħdiet li wegħedna, u mhux beħsieba nnaqqsu minn dan ir-ritmu li qbadna.

Il-ħidma barra minn xtutna ma tiqafx u f'isem pajjiżna dejjem nenfasizza dwar l-importanza li nissimplifikaw u nnaqqsu l-burokrazija għall-bdiewa ż-żgħar sabiex mhux biss ma naqtgħux qalb il-bdiewa tagħna imma ninkoraġġuhom isostnu l-attività tagħhom. F'Malta u f'Għawdex qegħdin nagħmlu 61 triq rurali li jammontaw 'il fuq minn €11-il miljun, b'€2 miljun minnhom marru għal Għawdex. Nedejna l-applikazzjonijiet għar-Reġistru Nazzjonali ta' Prodotti Agroalimentari Tradizzjonali ta' Malta u Għawdex, filwaqt li għaddejja wkoll il-kampanja Wines of Distinction li hija mifruxa fuq sentejn. Nedejna l-iskema ġdida ta' tqassim tal-frott, ħaxix u ħalib lit-tfal tal-iskola, li tlaħħaq investiment ta' madwar €900,000 fis-sena sal-2023. Fassalna wkoll l-ewwel Politika Agrikola Nazzjonali f'pajjiżna għall-10 snin li ġejjin, li tixhed il-viżjoni tal-Gvern favur is-settur agrikolu u l-bżonnijiet tal-partijiet involuti li jilagħbu parti ċentrali biex il-qasam isir aktar sostenibbli. Fuq kollox ftaħna l-impjanti tan-New Water fil-Mellieħa, f'Għawdex u fin-Nofsinhar ta' Malta sabiex bosta bdiewa f'partijiet differenti tal-gżejjer tagħna jkollhom aċċess għal dan l-ilma.

Għall-ewwel darba tajna weraq tal-palm mingħajr ħlas lis-sajjieda u rġajna ngħaqadna magħhom fil-ftuħ tal-istaġun tal-lampuki. Nedejna l-kotba bil-Malti u bl-Ingliż Nesploraw Flimkien it-Teżori tal-Baħar! / Exploring Together the Treasures of the Sea! fl-Iskola Primarja tar-Rabat, Għawdex. Dan bħala parti mill-proġett ta' kampanja promozzjonali li ġġib l-istess isem. Kien ta' sodisfazzjon għalija li proprju f'pajjiżna, iffirmajna wkoll l-ewwel pjan ta' azzjoni reġjonali għas-sajd artiġjanali fil-Mediterran u l-Baħar l-Iswed.

Biddilna l-liġi sabiex illum il-ġurnata l-klieb ma jistgħux jinżammu marbutin bi ktajjen. Barra minn hekk, tajna €80,000 lill-NGOs u lis-Santwarji biex jintużaw għas-servizzi veterinarji tal-annimali, ftaħna l-ewwel żona għall-għawm taż-żwiemel f'Malta u żidna wkoll l-allokazzjoni fuq l-Animal Welfare Fund. F'Ottubru ftaħna l-istaġun għall-insib tal-pluviera u l-malvizz. Li kieku l-Gvern Malti ma kienx proattiv u ma marx Brussell



sabiex nitkellmu, nikkonvinċu, u nindirizzaw numru ta' kwistjonijiet li kellha l-Kummissjoni fuq din id-deroga, potenzjalment l-insib f'Malta kien se jieqaf darba għal dejjem u kien isir biss xi ħaġa tal-passat. Il-ħidma ta' dan il-Gvern dawret dan kollu.

Dawn huma biss ftit eżempji tal-ħidma kontinwa tagħna li nwegħedkom li se tissokta u tissaħħaħ matul ix-xhur li ġejjin. Fl-aħħar nett, nagħlaq hawnhekk billi nawguralkom il-Milied u s-Sena t-Tajba flimkien mal-familji tagħkom u ma' dawk l-aktar għeżież għalikom.

*Clint Camilleri*

Is-Segretarju Parlamentari
Clint Camilleri
jixtieq lilkom u lill-familji tagħkom

il-Milied u s-Sena t-Tajba...!

# L-ENZIMA PROTEASE FL-GĦALF TAT-TJUR TAS-SIMNA

Dan l-artiklu nkiteb minn
Matthew Zammit student flimkien ma'
Joseph Jason Abela għalliem fl-MCAST

L-enzimi huma sustanzi li jiġu miżjuda mal-ikel tal-annimali biex jgħinuhom ikissru l-ikel aħjar u b'hekk, fil-każi ta' dawk l-enzimi li jkissru l-proteini fl-ikel, jagħmlu wkoll anqas ħsara lill-ambjent. Dan għaliex in-nitroġenu fid-demel tal-annimali li jikkawża tniġġis fl-ilma tal-pjan jekk ma jiġix assorbit mill-pjanta meta jinfirex fl-għelieqi, jonqos bl-użu ta' dawn l-enzimi għaliex jgħinu jkissru l-proteini (li fihom dan in-nitroġenu) aħjar. Dawn l-enzimi jinsabu diġà fl-ikel ta' dawn l-annimali imma wieħed jista' jżid aktar minnhom sabiex iżid il-benefiċċju tagħhom.

Il-ġisem għandu bżonn il-proteini biex jaħdem sew speċjalment biex jibdel iċ-ċelloli li jmutu u biex jibni l-muskolu. Dan l-istudju jiffoka fuq enzima partikolari li tgħin fid-diġestjoni tal-proteina fl-ikel. Biż-żieda ta' din l-enzima fl-ikel, l-annimal ikun qed jgħix ħajja aħjar, b'anqas mard u b'anqas stress. Annimal kuntent jingħaraf mill-mod ta' kif ikun qiegħed jikber u dan huwa għal qalb ir-raħħal Malti li jagħmel minn kollox biex jara l-annimal kuntent u li jkun qiegħed jikber kif suppost.

F'din ir-riċerka ġie investigat l-effett fuq it-tjur meta jiġu mitmugħa ikel li jkun fih il-protease - enzima li tgħin fid-diġestjoni tal-proteina fl-ikel fit-tjur. Din ġiet introdotta fil-ġwież tat-tjur tas-simna tar-razza Ross308 fl-istadju tal-adolexxenza – jiġifieri bejn ir-raba' u s-seba' ġimgħa. Erba' gruppi ta' 80 tajra kull wieħed ġew studjati. It-trobbija tat-tiġieġ saret skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 439/12, Regolamenti Dwar Regoli Minimi Għall-Protezzjoni Tat-Tiġieġ Miżmuma għall-Produzzjoni Tal-Laħam.

Meta ġiet analizzata l-informazzjoni kollha, din ir-riċerka wriet li ż-żieda tal-enzima protease wasslet għal żieda fil-piż tat-tjur ta' bejn is-26 u t-33 ġurnata, filwaqt li ma kienx hemm differenza bejn il-piżijiet tat-tjur ta' bejn it-33 u s-47 ġurnata meta kkumparat ma' tjur mitmugħa ġwież normali mingħajr iż-żieda tal-protease.

Differenza oħra importanti kienet dik fl-imwiet tat-tjur - il-gruppi li ngħataw il-protease fil-ġwież kellhom anqas imwiet meta kumparati ma' dawk li ngħataw ġwież normali (mingħajr protease).

Mhux biss. Ir-riżultati wrew ukoll li t-tiġieġ li ġew mitmugħa l-ġwież bil-protease għamlu 1kg laħam għal kull 1.71 kg ta' ġwież li kielu filwaqt li dawk bi ġwież normali kellhom bżonn 1.76 kg ta' ġwież biex jagħmlu 1kg laħam. Apparti minn hekk il-gruppi bil-ġwież bil-protease kellhom total ta' piż aħjar peress li kellhom anqas imwiet u prestazzjoni aħjar. Dan iwassal ukoll għal riżultat ieħor importanti – il-gruppi li ngħataw l-enzima protease ħallew 3.24% profitt iżjed għall-produttur fuq il-gruppi l-oħra li kielu ġwież normali.

Wieħed jista' jikkonkludi li l-enzima protease fil-ġwież ħalliet effett pożittiv fil-prestazzjoni tat-tjur tas-simna u allura fil-profitt tar-razzett. U allura, fl-opinjoni tal-awtur, jekk din l-enzima tiżdied mal-ġwież tkun ta' benefiċċju kemm għat-tjur infushom kif ukoll għar-raħħal.





# REGOLAMENTI ĠODDA DWAR IŻ-ŻAMMA TAL-KLIEB: DAQSHEKK KLIEB MARBUTIN BI KTAJJEN

Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Clint Camilleri ħabbar regolamenti ġodda dwar iż-żamma tal-klieb, li permezz tagħhom sar illegali li l-klieb jintrabtu bi ktajjen jew b'materjal ieħor bħala mezz primarju ta' żamma tagħhom.

L-Onor. Clint Camilleri semma li din il-leġiżlazzjoni sussidjarja ġdida ssegwi konsultazzjonijiet li saru mal-NGOs li jaħdmu favur il-ħarsien tal-annimali u stqarr li din il-leġiżlazzjoni se tiżgura li l-irbit ta' klieb ikun ikkunsidrat bħala trattament illegali f'ċerti każijiet. Waqt konferenza stampa, is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri spjega li din il-leġiżlazzjoni għandha l-għan li telimina kull forma ta' tbatija lill-klieb li jinkludu;

- L-irbit jew it-trażżin ta' klieb ma' kwalunkwe oġġett wieqaf bħala mezz permanenti jew primarju ta' żamma ta' kelb, m'għandhiex tapplika għal waqt proċeduri veterinarji jew matul it-trasportazzjoni ta' klieb;
- L-użu ta' kullar inadekwat - L-irbit jew it-trażżin ta' klieb bi kwalunkwe mezz inkluż imma mhux limitat biss għal katina, ħabel, korda, ċinga, taljola jew cable run, iżda ma tinkludix l-użu ta' ċinga addattata meta persuna tmexxi kelb f'post pubbliku, jew waqt servizzi veterinarji jew ta' infurzar kemm mill-veterinarji kif ukoll mill-uffiċjali tal-ħarsien tal-annimali;
- Ambjent/Post inadekwat fejn jinżamm il-kelb li jinkludu fost l-oħrajn: l-art li fuqha jinżammu l-klieb, iċ-ċirkolazzjoni tal-arja, il-livelli ta' trabijiet, it-temperatura, eċċ... b'tali mod li ma jkunux ta' dannu għall-annimali, il-klieb m'għandhomx jinżammu fi dlam permanenti u lanqas mingħajr perjodu xieraq ta' mistrieħ minn dawl artifiċjali. Kull annimal għandu jingħata l-ispazju xieraq għall-bżonnijiet fiżjoloġiċi u eteoloġiċi skont l-esperjenza u t-tagħrif xjentifiku stabbiliti.
- Trasportazzjoni inadekwata – matul it-trasportazzjoni ta' klieb fi kwalunkwe vettura, għandhom jittieħdu l-miżuri ta' protezzjoni u sigurtà neċessarji.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet tal-Annimali qal li l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali (KAP 439) ma kien ikopri l-ebda leġiżlazzjoni sussidjarja biex tkun irregolata ż-żamma tal-klieb. Għalhekk kien imperattiv li dawn ir-regolamenti ġodda jidħlu fis-seħħ għaliex dawn issa se jiżguraw li l-ebda individwu ma jorbot, jaqfel, jorbot b'katina jew jirrestrinġi l-kelb ma' kwalunkwe oġġett wieqaf bħala mezz primarju ta' żamma tal-kelb. Barra minn hekk, din il-leġiżlazzjoni sussidjajra ġdida tinkludi regolamenti dwar iż-żona adegwata li fiha jinżamm kelb, u dwar it-trasportazzjoni adegwata tal-klieb.

Bħala Segretarju Parlamentari responsabbli mid-Drittijiet tal-Annimali, Clint Camilleri spjega li l-klieb huma ħlejjaq soċjevoli li jeħtieġu interazzjoni ma' nies u/jew annimali oħra. Għalhekk it-trażżin permanenti jew għal ħin twil jista' jagħmlilhom ħsara fiżika u psikoloġika severa. L-Onor. Clint Camilleri enfasizza li dan il-Gvern dejjem kien u se jibqa' kommess li jħares it-trattament xieraq tal-annimali. Is-Segretarju Parlamentari kkonkluda li mhux biss saru illegali l-irbit u t-trażżin ta' klieb għal perjodi twal, iżda ġew ipprojbiti wkoll kullari inadegwati u ddaħħlu speċifikazzjonijiet ġodda għal kumpartiment ta' kelb biex nassiguraw li l-ebda kelb ma jiġi ristrett fi kwalunkwe ħin b'mod li jikkawżalu tbatija jew ġrieħi.




Photo - MESDC - Joseph Mercieca

Regolamenti ġodda dwar iż-żamma tal-klieb

# RDP

Dan l-artiklu nkiteb minn
Malcolm Vassallo
Senior Manager ARPA

F'din il-ħarġa ta' Nisġet Artna se nagħtu aġġornament rigward it-tnedija ta' miżuri li jaqgħu taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020, it-tip t'għajnuna finanzjarja li joffru dawn il-miżuri, u x'għandu jagħmel kull min hu interessat u eliġibbli biex japplika.

Lejn l-aħħar t'Awwissu 2018 l-Awtorità ta' Ġestjoni tal-Programm tal-Iżvilupp Rurali, fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza, ħabbret li mill-1 ta' Novembru 2018 se jibdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għall-għajnuna taħt il-Miżuri 4.2 u 6.4 tal-Programm.

**Il-Miżura 4.2 – Għajnuna għal investimenti fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni u/jew l-iżvilupp ta' prodotti agrikoli**

L-għan ewlieni ta' din il-miżura huwa li tagħti appoġġ lill-bdiewa u lill-proċessuri sabiex iżidu l-valur fil-prodotti primarji tagħhom jew biex jiżviluppaw prodotti u swieq ġodda. Il-baġit totali allokat taħt din il-miżura jammonta għal €4.7 miljun. Għaldaqstant, din il-miżura se tagħti appoġġ finanzjarju li tkopri sa 50% mill-ispejjeż eliġibbli relatati ma' investimenti tanġibbli jew mhux tanġibbli li jikkonċernaw l-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni u/jew l-iżvilupp ta' prodotti agrikoli li jaqgħu taħt l-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jew prodotti tal-qoton. Il-benefiċjarji eliġibbli taħt din il-miżura huma bdiewa u gruppi ta' bdiewa, jew proċessuri.

Fuq is-sit tal-Awtorità ta' Ġestjoni wieħed jista' jsib aktar informazzjoni dwar il-Miżura 4.2 billi jsegwi l-ħolqa hawn taħt: https://eufunds.gov.mt/en/EU%20Funds%20Programmes/European%20Agricultural%20Fund/Documents/Measures/M4.2/Brief%204.2.pdf

**Il-Miżura 6.4 – Għajnuna għall-iżvilupp t'attivitajiet mhux agrikoli**

Din l-iskema għandha l-għan li tistimula n-negozju rurali, tikkontribwixxi għal żieda fin-numru t'attivitajiet mhux agrikoli li jitwettqu f'żoni rurali u tiżviluppa tali attivitajiet eżistenti, toħloq impjiegi ġodda, iżżid id-dħul finanzjarju tal-popolazzjoni rurali u tnaqqas l-iżbilanċ li jeżisti ma' żoni urbani. Il-benefiċjarji taħt il-Miżura 6.4 għandhom ikunu bdiewa, membri familjari tal-bdiewa u intraprendituri rurali oħra li jridu jiddiversifikaw l-attività ekonomika ewlenija tagħhom jew jibdew attività ġdida billi jinvestu f'attivitajiet mhux agrikoli. L-għajnuna massima mogħtija hija ta' 50% tal-ispejjeż eliġibbli totali marbutin mal-proġett, u l-baġit ta' din il-miżura jammonta għal €7.7 miljun.

Fuq is-sit tal-Awtorità ta' Ġestjoni wieħed jista' jsib aktar informazzjoni dwar il-Miżura 6.4 billi jsegwi l-ħolqa hawn taħt: https://eufunds.gov.mt/en/EU%20Funds%20Programmes/European%20Agricultural%20Fund/Documents/Measures/M6.4/brief%206.4.pdf

**Aktar Informazzjoni**

Għal aktar informazzjoni rigward il-miżuri msemmija f'dan l-artiklu, jew dwar miżuri oħra tal-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020, wieħed jista' wkoll jikkonsulta l-Programm (Kapitolu 8), jew il-Linji Gwida rilevanti li jiġu ppubblikati fuq is-sit tal-Awtorità ta' Ġestjoni malli jinfetħu s-sejħiet rilevanti: http://eufunds.gov.mt/

Barra minn hekk, wieħed jista' wkoll iżur jew iċempel il-Front Office fuq 2292 6148 (Malta) jew 2215 6974 (Għawdex), jew jibgħat email lill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fuq arpa.mesdc@gov.mt jew lill-Aworità ta' Ġestjoni fuq rdd.meae@gov.mt.

# PREŻENTAZZJONI LID-DIRETTORAT MILL-ISTUDENTI TAL-ISKOLA PRIMARJA TAL-MOSTA

Waqt waħda mill-ħafna żjarat li l-uffiċjali fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali komplew jagħmlu fl-iskejjel matul l-aħħar ġimgħat saret preżentazzjoni ħelwa u sinifikanti.

Din l-għotja li kienet tikkonsisti f'ikel tal-annimali, saret mill-Kap tal-iskola s-Sa. Angele Pulis u l-Assistent Kap is-Sa. Bernardette Mercieca f'isem l-istudenti li jattendu l-iskola primarja tal-Mosta, liema skola tifforma parti mill-Kulleġġ Maria Reġina.




Preżentazzjoni lid-Direttorat mill-istudenti tal-iskola primarja tal-Mosta

# INFETAĦ L-ISTAĠUN GĦALL-INSIB TAL-PLUVIERA U L-MELVIZZ

Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Clint Camilleri ħabbar li mill-20 ta' Ottubru nfetaħ l-istaġun għall-insib tal-pluviera u l-malvizz wara li l-Gvern laqa' r-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat ORNIS. L-Onor. Camilleri ħabbar ukoll li wasal fi qbil fil-prinċipju mal-Kummissjoni Ewropea fuq il-parameteri li bih ser ikun qiegħed jiftaħ dan l-istaġun.

Il-Perit Camilleri qal li dan sar "wara laqgħat li għamilna f'dawn l-aħħar ġimgħat fejn flimkien ma' uffiċjali tal-Gvern fi ħdan ir-rappreżentanza permanenti Maltija fi Brussell, kif ukoll ma' uffiċjali mill-Ministeru wasalna għal qbil mal-Kummissjoni Ewropea li effettivament ifisser li fil-prinċipju u kif qiegħda tiġi applikata d-deroga qegħdin nindirizzaw id-dubji serji li kellha l-istess Kummissjoni fis-sottomissjonijiet tagħha meta kienet ikkomunikat il-post reasoned opinion lura fl-2012. Nifhmu li l-Kummissjoni Ewropea kellha l-intenzjoni li tmexxi bil-kawża kontra Malta li kieku Malta applikat id-deroga skont il-parametri li kienu jiġu applikati fis-snin l-imgħoddija."

Is-Segretarju Parlamentari sostna li dan ifisser illi kieku l-Gvern Malti ma kienx proattiv u ma marx Brussell sabiex nitkellmu, nikkonvinċu, u nindirizzaw numru ta' kwistjonijiet li kellha l-Kummissjoni fuq din id-deroga potenzjalment l-insib f'Malta kien se jieqaf darba għal dejjem u kien isir biss xi ħaġa tal-passat. Il-ħidma ta' dan il-Gvern dawret dan kollu. L-insib f'Malta baqagħlu futur.

Huwa spjega li dan il-Gvern kif ħabbar sa mill-bidu nett, qiegħed jirrispetta d-deċiżjoni tal-Qrati Ewropej li ħarġet lura f'Lulju 2018 rigward l-insib tal-għana u għaldaqstant bdew id-diskussjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea biex il-prinċipji tas-sentenza li ngħatat u l-kunsiderazzjonijiet li kellha l-Kummissjoni jkunu diskussi qabel ma nkunu qegħdin napplikaw għal deroga għall-istaġun tal-insib għall-Pluviera u l-Malvizz.

L-Onor. Clint Camilleri stqarr li "dawn id-diskussjonijiet ħallew il-frott meħtieġ, u dan għaliex wasalna għal qbil dwar numru ta' prinċipji partikolarment dwar is-selettività, it-trasparenza, deroga limitata fl-iskop tagħha, kif ukoll l-infurzar. Fhimna l-argumenti mressqa dwar is-selettività fejn l-għan ewlieni huwa li dan l-istaġun tal-insib jinqabdu biss il-Pluviera u l-Malvizz."

Għal dan il-għan:

- tkabbru l-malji tax-xibka minn minimu ta' 30mm għal 45mm, anke kif rakkomandat mill-ORNIS.
- kellhom jitgħattew jew jitneħħew ix-xbieki qabel in-nassab jitlaq minn fuq il-post u fi kwalunkwe ħin li l-insib mhux permess.

Camilleri spjega kif apparti dan "naqqasna l-ammont ta' mnasab bin-nofs billi ppermettejna li nassab jista' juża stazzjon wieħed minflok tnejn. Kull stazzjon jista' jkollu sa massimu ta' żewġ imnasab. Qegħdin indaħħlu wkoll kwota nazzjonali ta' 5,000 malvizz u 700 pluviera."

Għall-ewwel darba wkoll ġew ippubblikati l-postijiet tal-imnasab li hemm reġistrati għal dan l-istaġun u qegħdin pubbliċi fuq il-website tad-WBRU għall-konsum pubbliku filwaqt li rrispettajna l-protezzjoni privata tan-nassab. Is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri sostna li "apparti dan, hekk kif għamilna f'dawn l-aħħar ġimgħat ser inkomplu bi djalogu miftuħ mal-Kummissjoni Ewropea."

Biex ikun indirizzat l-aspett ta' infurzar, intlaħaq ftehim illi matul dan l-istaġun ser ikun hemm aktar riżorsi li qegħdin jiġu allokati għall-infurzar u dawn imqassmin skont żoni differenti hekk kif deskritti fi proċeduri li daħħalna fil-liġi. Is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri temm jgħid li "emminna li bi sforz raġunat nistgħu naslu, fejn permezz ta' dawn id-diskussjonijiet il-Gvern wera u qiegħed juri b'mod ċar ir-rieda li jsostni l-prattika tal-insib però b'mod sostenibbli. Dawn il-parametri qegħdin hemm biex jiġu osservati u għaldaqstant qegħdin nesiġu dwar il-konformità ma' dawn il-miżuri li qegħdin nieħdu."



Photo - DOI - Clodagh Farrugia O'Neill

Infetaħ l-istaġun tal-insib

# XOGĦOL U PRATTIĊI FIL-ĠONNA FIX-XITWA

Fix-xitwa l-ġardinar irid jagħti prijorità lill-fatturi u lill-ambjent xitwi. Dejjem jagħmel ġid li l-ġardinar ifassal programm ta' wċuħ li jirnexxu fil-ġnien jew inkella fl-għalqa tiegħu u jkabbar ħxejjex jew siġar li huma mdorrijin fl-ambjent li jsawwar il-karatteristiċi tal-ġonna Maltin.

Qabel it-taħwil jew iż-żrigħ fil-ħamrija, huwa importanti li jittieħed kampjun tal-ħamrija u jkun analizzat għal diversi karatteristiċi tal-ħamrija. Fosthom insibu n-nutrijenti maġġuri bħall-fosfat, in-nitrat u l-putassa barra nutrijenti minuri bħall-ħadid u oħrajn sabiex il-ħamrija jkollha dawk in-nutrijenti li jittieħdu mill-pjanti. Il-ġardinar irid ikun jaf il-valur pH tal-ħamrija u meta dan ikun inqas minn 7, il-ħamrija tkun aċiduża waqt li 'l fuq minn 7 tkun alkalina. Fil-każ tal-ħamrija f'Malta, il-maġġor parti tal-għelieqi u l-ġonna għandhom ħafna ġir li jagħmluha alkalina u qrib ħafna lejn il-valur pH ta' 8.2, li jgħodd ħafna għall-kromb bħall-pastarda, il-ġidra, il-kaboċċa kif ukoll il-kappar. Tajjeb li l-ġardinar ikun jaf kemm hija fonda l-ħamrija, kemm hu fond is-saff passiv u s-saff attiv, waqt li kull ħamrija trid ikollha l-ħumus li jkattar il-fertilità tal-ħamrija.

Fix-xitwa, wieħed jista' jiżra' l-patata fejn din il-pjanta għandha bżonn il-fusfat fil-ħamrija qabel iż-żrigħ. F'tomna ma għandekx taqbeż 17-il kilo fosfat fis-sena bħala għalf lill-ħamrija. L-aħjar żmien li tferrex il-fosfat qabel iż-żrigħ tal-patata jkun ta' 20 jum. Fix-xitwa billi t-temperatura hija baxxa u l-iljieli itwal mill-jiem, in-nebbieta tal-patata trid anke 25 jum, fejn imbagħad tkabbar tliet weraq bħala l-ewwel stadju tal-iżvilupp, it-tieni stadju jkun ta' ħames weraq, it-tielet ikun ta' seba' weraq u r-raba' stadju jkun ta' disa' weraq. Issa bejn l-ewwel stadju u t-tielet, il-ġardinar għandu jagħlef bin-nitrat sabiex tikber il-faxxina tal-patata u hawn wieħed jista' jsaqqi bil-qtar u m'għandux jaqbeż 17-il kilo tan-nitrat f'tomna raba' matul is-sena. Fl-aħħar stadji tal-iżvilupp tal-weraq il-ġardinar għandu jitma' bil-putassa biex l-għeruq tal-patata jħaxxnu l-frott. Meta t-temperatura tkun anqas minn 16-il grad celsius u l-umdità tkun aktar minn 65%, jibda jinfirex il-mard tal-ġlata li hija moffa li tista' tkun trattata b'xi funguċida bħall-kupru mħallat mal-ġir, jew inkella l-kubrit tal-ilma sabiex dawn jipprevedu l-infestazzjoni tal-mard tal-moffa. Il-pjanta trid ukoll traċċi tal-ħadid speċjalment meta l-ħamrija tkun għolja fil-ġir.

Il-kromb jitkabbar ħafna fir-raba' matul ix-xitwa u din il-familja tħobb ħamrija alkalina fejn il-ġardinar jista' jagħżel li jħawwel il-kromb wara xi wiċċ tas-silla jew inkella wara wiċċ tal-ful, fażola, piżelli u oħrajn tal-familja leguminoża. Il-pastard għandu stadji differenti ta' żvilupp u jirrikjedi l-fosfat qabel it-taħwil u d-doża għandha tkun konformi mal-bżonn tal-ħamrija. Malli tiftaħ il-ħames weraq tagħha, il-pjanta tirnexxi aktar jekk tingħalef ftit nitrat u aktar putassa fir-Razju ta' N 7 kgs - P 7 kgs - K 10kgs f'tomna raba'. Il-kromb jattakkah il-farfett l-abjad fejn mill-bajd isfar taħt il-werqa joħroġ dudu isfar li jgerrem il-werqa. Meta jfaqqas id-dudu mill-bajd u jkun għadu ta' ftit sigħat, jista' jingħata l-għalf tal-*Bacillus thuringiensis kurstaki* li jgħaqqad l-imsaren tad-dwied. Insett ieħor li qed jagħti fastidju serju lix-xitel żgħir tal-kromb hija ħanfusa ta' lewn iswed li tleqq u li bħala familja tal-ħanfus tista' tinqatel bil-*Bacillus thuringiensis tenebrionis* li jaħdem fuq l-imsaren tal-insett. Dan il-BT jintuża bħala kontroll bijoloġiku, imma barra minn hekk il-ġardinar jista' juża' żejt imħallat bis-sapun likwidu li jimblokka l-pori tal-insetti żgħar. Fis-suq jeżistu diversi tipi ta' insettiċidi li jistgħu jintużaw biex joqtlu l-insetti għedewwa u hawn wieħed irid iħares l-interessi tal-insetti benefiċjali bħan-naħal, in-nannakola, il-ħelikopter u oħrajn.





Ħassa canasta



Qarabagħli

Ħxejjex oħra bħall-karrotti jridu wkoll ilma tajjeb anke biex jagħmel togħma tajba fejn il-karrotti jistgħu jittieklu nejjin mal-insalata, kif ukoll spinaċi, ħass, indivja u oħrajn. Kollha jridu ħamrija nadifa minn ħaxix salvaġġ kif ukoll iridu ħamrija sinjura bin-nutrijenti. Biex dawn il-ħxejjex itejbu t-togħma u anke jirreżistu l-mard, ireġġi l-fatt li l-ħamrija jkollha demel naturali tal-bhejjem. Id-demel naturali jżomm il-ħamrija sħuna kif ċertu nematodi, li huma insetti parassiti żgħar fuq il-pjanti, flok jinfexxew jieklu l-għeruq tal-ħxejjex, dawn imorru fuq id-demel. Ħafna drabi ssib ġardinara li jħawlu ħwawar fil-ġnub tal-ġnien sabiex jattiraw insetti benefiċjali li jieklu l-insetti għedewwa. Dawn il-ħwawar ivarjaw minn coriander, lavander, nagħniegħ, merqtux, eċċ li mal-basal u t-tewm jitilqu l-irwejjaħ li jdejqu l-insetti. Bħala mard ta' moffa li tagħmel ħsara lill-uċuħ insibu dik griża u oħra bajda imma bid-doża ta' mgħarfa baking powder ma' 10 litri ilma, tista' tintuża bħala duwa għall-mard.

Fil-qasam tal-imsaġar tal-frott, il-ġardinar għandu ħafna xogħol bħaż-żbir tas-siġar tal-frott wara li jinqata' ż-żebbuġ, larinġ, kaki u oħrajn. Importanti li l-ġardinar ikun prudenti meta juża l-imqass jew xi għodda fiż-żabra għaliex faċli li jixxerred il-mard tal-batterji u tal-moffa. Wieħed għandu joqgħod attent li jisterilizza bejn l-imqass taż-żabra bejn siġra u oħra waqt li biċċiet tas-siġar li huma morda għandhom jinħarqu. Illum saret moda li dawk li jkabbru xi siġar taż-żebbuġ, dwieli, larinġ u oħrajn ikabbru l-maħlut bejn ir-raddi tas-siġar li jkun magħmul minn taħlita ta' xgħir u ġulbiena. Waqt li madwar is-siġar għandu jkun hemm għażqa ħafifa, bejn ir-raddi l-maħlut jista' jinżamm bi qtugħ ta' spiss. Grass cutter għandu postu fil-ġonna sabiex il-wiċċ fuq il-ħamrija jkattar l-mikrorganiżmi li jagħmlu l-ġid kif ukoll il-ventilazzjoni tal-ħamrija żżomm attività bijoloġika tal-ħamrija ħajja.

Fix-xitwa, wara ż-żabra, il-ġardinar irid jieħu ħsieb tal-mard bħall-*mell dqiqi, botrytis, peronospora* u oħrajn u meta s-siġar ikunu reqdin bexxa b'xi funguċida tnaqqas l-ispori tal-mofof minn fuq is-siġar. Taħlit ta' kubru mal-ġir jintuża ħafna fi Franza waqt li dan l-aħħar sar popolari l-użu tas-sugu tal-ħurrieq fuq il-mell dqiqi.

Fl-aħħar tax-xitwa, speċjalment għal Marzu, jista' jidher xi dubbien tal-frott li jista' faċilment jinqabad b'xi nassa bħall-flixkun tal-ilma mimli b'litru ilma li jkun fih xi 10 grammi laħam midħun bil-liquidizer. Id-dubbien ifittex il-laħam qabel il-frott u għalhekk il-ġardinar għandu jfittex metodi sempliċi li ma jinvolvux xi kimika mingħajr bżonn. Ukoll kontra baqq jew afidi, wieħed jista' juża taħlita ta' sapun, żejt f'xi pompa mimlija bl-ilma mdardar b'xi basal fejn anke r-riħa qawwija ta' dawn it-tliet prodotti mhux biss iddejjaq xi speċi ta' insetti imma wkoll titboq l-ispori tal-ġisem tagħhom bil-konsegwenza li ma jiħdux nifs.

Billi l-bidla tal-klima qiegħda taħkem il-Mediterran, il-ġardinar

Dan l-artiklu nkiteb minn Mario Salerno

jagħmel tajjeb jekk jinvesti f'xi xibka rqiqa li biha jipprevedi l-insetti li jidħlu u jagħmlu ħsara fuq il-pjanti. Naturalment, fix-xitwa ma għandux ikun hemm ilma żejjed fl-għeruq li jħassarhom. Min isaqqi b'xi timer, irid jaħseb tliet sigħat qabel jidlam u ma jkunx hemm tisqija bid-drips biex b'hekk wieħed jevita l-mard tal-għeruq.

Fil-każ li jidher xi forma ta' mard tal-virus, wieħed ma għandux itawwal iż-żmien biex jaħraq il-pjanti li jkunu infettati bil-virus. Ħafna drabi l-virus jinġarr minn insett, għalhekk il-ġardinar għandu jaħdem biex ma jkunx hemm infestazzjonijiet tal-insetti għedewwa.

Nagħtu dejjem merħba lill-insetti benefiċjali.



Kappara



Kaboċċi



Broccolini



Bużbież

# MALTA TIPPUBBLIKA L-EWWEL NOTIFIKA TAL-KONTROLLI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROTOKOLL TA' NAGOYA

Dan l-artiklu nkiteb minn
Louis Fresta
Uffiċjal Xjentifiku Prinċipal

Il-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess u l-Qsim tal-Benefiċċji huwa ftehim supplimentari għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika tal-1993 u għandu l-għan li jippromwovi il-qsim ekwu u ġust tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu ta' riżorsi ġenetiċi, inkluż b'aċċess xieraq għal riżorsi ġenetiċi u trasferiment ta' teknoloġiji rilevanti, u partikolarment bħala sapport għall-konservazzjoni tal-istess riżorsi ġenetiċi. Il-Protokoll daħal fis-seħħ fit-12 t'Ottubru 2014, u sal-lum ġie rratifikat 111 mill-196 Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni.

Il-Protokoll ta' Nagoya huwa applikabbli fl-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha permezz tar-Regolament (UE) Nru 511/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li hu effettiv mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll innifsu. L-implimentazzjoni taż-żewġ strumenti legali hija rregolata f'Malta permezz tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 549.111, li tibni fuq ir-rekwiżiti tal-Artikoli 36 u 37 tal-Avviż Legali 311 tal-2006, hija applikabbli għall-utenti ta' riżorsi ġenetiċi li jwettqu riċerka u / jew żvilupp fuq riżorsi ġenetiċi jew id-derivati tagħhom u teħtieġ li dawn ifittxu l-kunsens tal-Istat għall-ġbir tar-riżorsi ġenetiċi rispettivi u biex jidħlu fi ftehimiet biex jaqsmu l-benefiċċji miksuba minn din l-utilizzazzjoni, speċjalment meta dan ikun immirat lejn l-iżvilupp ta' prodotti kummerċjali ġodda.

Erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ta' Nagoya, il-Ġermanja ppubblikat l-ewwel rapport dwar l-użu ta' riżorsi ġenetiċi permezz tal-Clearing House għall-Aċċess u l-Qsim tal-Benefiċċji (ABS) billi ħarġet notifika tal-kontrolli dwar riċerka fuq nemel mill-Afrika t'Isfel.

Dan kien segwit malajr min-notifika tal-kontrolli minn Malta u l-Qatar. Il-Clearing House huwa sit elettroniku bl-għan li jkun repożitorju globali ta' informazzjoni li jgħin biex jipprovdi ċertezza legali u trasparenza fil-kuntest tal-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu tal-Benefiċċji li jirriżultaw mill-Utilizzazzjoni tagħhom. Parti mir-rwol tal-Clearing House hija li tippermetti lill-pajjiżi jimmonitorjaw kif jintużaw ir-riżorsi ġenetiċi tul il-katina tal-valur għal riċerka kummerċjali jew mhux kummerċjali, u dan huwa partikolarment utli meta r-riżorsi ġenetiċi jkunu telqu mill-pajjiż tal-oriġini. Dwar din is-sistema, Dr Cristiana Paşca Palmer, Segretarja Eżekuttiv tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u l-Assistent Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, qalet: "Is-sistema ta' monitoraġġ hija parti ewlenija tal-Protokoll ta' Nagoya, u ninsab kuntenta ħafna li se tiġi użata. Li tkun tista' ssegwi l-użu ta' riżorsi ġenetiċi huwa kruċjali biex tinħoloq fiduċja bejn l-utenti u l-fornituri ta' riżorsi ġenetiċi. Il-Clearing House hija karatteristika unika ta' dan il-ftehim internazzjonali u tipprovdi għodda importanti biex ikun hemm konnessjoni bejn l-utenti u l-fornituri ta' riżorsi ġenetiċi."

In-notifiki tal-kontrolli kkomunikati mill-Ġermanja u minn Malta jimmarkaw ukoll għall-ewwel darba li l-funzjonijiet tal-interoperabilità ntużaw biex awtomatikament tiġi ppubblikata informazzjoni fuq il-Clearing House. F'dan il-każ, l-informazzjoni ppubblikata fuq is-sit elettroniku tas-sistema DECLARE tal-Unjoni Ewropea li jippermetti lill-utenti tar-riżorsi ġenetiċi biex jissottomettu d-dikjarazzjonijiet meħtieġa mil-liġi Ewropea, ġiet awtomatikament trasferita u ppubblikata fuq il-Clearing House tal-ABS. L-użu ta' mekkaniżmi ta' interoperabbiltà bħall-interface tal-programmazzjoni tal-applikazzjoni tal-Clearing House tal-ABS huwa mod prattiku u effiċjenti għall-Partijiet fil-Protokoll ta' Nagoya biex il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni ssir awtomatikament fuq il-Clearing House.

Pajjiżi oħra wkoll issieħbu fil-Protokoll ta' Nagoya reċentement, dan wara ratifiki mill-Afganistan, l-Awstrija, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana u l-Palau. Dan iġib in-numru totali ta' ratifiki għal 111. Skont Dr Paşca Palmer: "Dawn ir-ratifiki riċenti juru li l-implimentazzjoni tal-Protokoll qed tieħu spinta. Aktar ma jipparteċipaw pajjiżi, aktar jista' l-Protokoll ta' Nagoya jilħaq l-għan tiegħu li jikkontribwixxi għall-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità permezz ta' aċċess għal riżorsi ġenetiċi u qsim tal-benefiċċji."



Is-Sur Sharlo Camilleri preżenti waqt il-laqgħa High-Level Segment tal-Konvenzjoni dwar il-Bijodiversità tan-Nazzjonijiet Uniti 2016

# Access & Benefit Sharing

## WHAT IS ABS?

ABS stands for **Access and Benefit Sharing** and implies that the utilization of genetic resources which belong to Sovereign States may require **Prior Informed Consent (PIC)** for their taking from the wild or any repositories, and may be subject to benefit sharing agreements based on **Mutually Agreed Terms (MAT)** between the user and the provider.

## TO WHAT DOES ABS APPLY?

- **Organisms**, their **parts** or **derivatives** that occur naturally or originated in a country which has sovereign rights upon them (e.g. wild algae, crop landraces, traditional animal breeds, etc.)
- **Traditional knowledge** associated with those organisms or derivatives.
- Organisms and derivatives accessed after the **12th October 2014** from countries which are **Party to the Nagoya Protocol**.
- **Research** or **R&D** activities including genetic, biotechnological, or biochemical applications which lead to new products within the EU.

*How to comply with the ABS laws...*

### 1 Ask for Prior Informed Consent

Taking of genetic resources or their associated derivatives from the wild or any repository may require the written permission of the Sovereign State to which the resources belong.

### 2 Negotiate Mutually Agreed Terms

The benefits obtained from the utilization of genetic resources or their associated derivatives which belong to a Sovereign State may be subjected to contractual benefit sharing agreements.

### 3 Get a Certificate of Compliance

An Internationally Recognized Certificate of Compliance (IRCC) is proof that PIC was given and MAT were negotiated, and may be obtained through a National Competent Authority.

FOR MORE INFORMATION CONTACT THE ABS NATIONAL COMPETENT AUTHORITY
PLANT PROTECTION DIRECTORATE, 110, ANNIBALE PRECA STREET, LIJA LJA 1915, MALTA
TEL.: +356 2292 6535 EMAIL: PLANTPROTECTION.MESDC@GOV.MT

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE
PLANT PROTECTION DIRECTORATE




Daħħalna regolamenti biex fost l-oħrajn sar illegali l-irbit ta' klieb bi ktajjen

Iffirmajna f'pajjiżna l-ewwel pjan t'azzjoni reġjonali għas-sajd artiġjanali fil-Mediterran u l-Baħar l-Iswed









Iddedikajna €2 miljun biex jiġu rranġati u jinbnew mill-ġdid toroq rurali f'Għawdex

Nedejna l-applikazzjonijiet għar-reġistru nazzjonali ta' prodotti agri-alimentari tradizzjonali ta' Malta u Għawdex.







Għal sena oħra ngħaqadna mas-sajjieda għat-tberik tad-dgħajjes qabel il-ftuħ tal-istaġun tal-lampuki

Nedejna skema ġdida ta' €900,000 sabiex jitqassmu l-frott, il-ħaxix u l-ħalib fl-iskejjel

Fil-ftuħ tal-istaġun tal-ħsad ħabbarna li 90% tal-għeneb se jmur għall-inbejjed ta' kwalità






# XOGĦOL FUQ WIDIEN MIS-SEZZJONI TAL-VALLEY MANAGEMENT FI ĦDAN AMBJENT MALTA

Dan l-artiklu nkiteb minn
Alexander Borg Galea
Uffiċjal Xjentifiku Prinċipal

Il-pajsaġġ tal-Gżejjer Maltin huwa aridu, u fin-nuqqas ta' xmajjar kbar il-widien huma l-uniku ambjent viżibbli tal-ilma ħelu. Il-widien mhumiex biss element kruċjali tax-xenarju Malti, imma jservu wkoll diversi funzjonijiet importanti. Huma jipprovdu ilma għall-pjan, jiffurmaw kanali naturali li jtaffu mill-għargħar u jħaddnu bosta abitati li huma importanti għall-bijodiversità tal-gżejjer. Barra minn hekk, bosta widien huma importanti għall-attivitajiet rikreattivi u huma marbutin ma' diversi tradizzjonijiet storiċi u reliġjużi kif jixhdu l-ismijiet tagħhom bħall-Wied ta' San Ġorġ f'San Ġiljan, il-Wied ta' Santa Katerina fil-Għargħur, u l-Wied tal-Lunzjata fix-Xlendi. Il-Wied tal-Lunzjata huwa wkoll imżejjen minn kappella medjevali msemmija wara l-Annunzjata.

Madankollu, minkejja l-importanza tagħhom, ħafna mil-widien jinstabu f'kundizzjoni li mhijiex xierqa. Snin twal ta' urbanizzazzjoni u tibdil tat-topografija kkontribwixxew għal numru ta' impatti negattivi fil-widien. Dawn jinkludu żieda tal-inċidenza ta' għargħar, proliferazzjoni ta' flora u fawna invażiva u/jew mhix indiġena u akkumulazzjoni ta' materjal, fost oħrajn.

Meta tiġi indirizzata ħsara fil-widien, id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'mod infurmat, wara li jiġu meqjusa l-impatti kollha tal-interventi meħtieġa. L-immaniġġjar tal-widien għandu jkun iggwidat minn pjanijiet li jqisu s-sistema kollha tal-wied u jinkludu approċċ integrat li jqis il-karatteristiċi ambjentali, soċjali u ekonomiċi ta' din ir-riżorsa ambjentali.

Bħala parti mill-proġett nazzjonali LIFE IP RBMP immexxi mill-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma, Ambjent Malta hija responsabli li tiżviluppa numru ta' pjanijiet holistiċi u gwidi tekniċi għall-immaniġġjar tal-widien fil-Gżejjer Maltin. Dan il-proġett jinkludi wkoll l-identifikazzjoni u l-immappjar tas-servizzi ambjentali li jagħtuna l-widien sabiex jiġu kkonservati u protetti. Dan il-proġett huwa kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea taħt il-Program LIFE bħala parti mil-LIFE 16 IPE MT 008: Optimising the Implementation of the 2nd RBMP in the Malta River Basin District.

Ambjent Malta qiegħda wkoll twettaq numru ta' interventi ta' manutenzjoni u restawr f'bosta widien f'Malta. Matul din is-sena tneħħa materjal u skart min 13-il wied differenti, fosthom Wied is-Sewda, Wied iċ-Ċawsli, Triq il-Wied u Wied il-Kbir f'Ħal Qormi; Wied Qirda u Wied Baqqiegħa f'Ħaż-Żebbuġ; Wied Ħesri fis-Siġġiewi; Wied Rini fil-limiti tar-Rabat u l-Baħrija; Wied Qannotta ġewwa Burmarrad; Wied il-Għasel fil-limiti tan-Naxxar; Wied il-Mistra f'San Pawl il-Baħar, Wied Blandun fil-Fgura u l-Kanal tal-Marsa. Dawn ix-xogħlijiet jinvolvu t-tneħħija ta' materjal mormi fil-widien bħal plastik, għamara u fajjenza u t-tneħħija u miżuri ta' kontroll ta' pjanti invażivi bħall-qasba l-kbira, is-siġar tar-riġnu u l-akaċja. 'Il fuq min 1,000 metru kubu ta' skart u 60 tunnellata ta' materjal ġie mneħħi minn dawn il-widien.

Barra minn hekk, f'Wied il-Kbir, f'Wied is-Sewda, f'Wied iċ-Ċawsli u f'Wied Ħesri, ġew imħawla 1,300 siġra u arbuxell biex jieħdu post l-ispeċi invażi maqlugħa. Speċijiet imħawla jinkludu s-siġar tal-vireg, fraxxnu, ulmu u anżalor. Dawn il-pjanti ġew imħawla bil-kollaborazzjoni tal-Uffiċċju tal-President u l-Kunsilli Lokali ta' Ħal Qormi u tas-Siġġiewi.



Wied is-Sewda

# IFFIRMAT L-EWWEL PJAN TA' AZZJONI REĠJONALI GĦAS-SAJD ARTIĠJANALI FIL-MEDITERRAN U L-BAĦAR L-ISWED



Iffirmat l-ewwel pjan ta' azzjoni reġjonali għas-sajd artiġjanali fil-Mediterran u l-Baħar l-Iswed

F'Settembru li għadda diversi Ministri responsabbli mis-settur tas-sajd iltaqgħu ġewwa l-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija fil-Belt Valletta għall-konferenza dwar is-Sajd Artiġjanali sostenibbli fil-Mediterran u l-Baħar l-Iswed. Waqt konferenza stampa, is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Clint Camilleri qal li din "hija ġurnata importanti fejn għall-ewwel darba għadu kif ġie ffirmat l-ewwel pjan ta' azzjoni reġjonali għas-sajd artiġjanali fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed."

Is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd Clint Camilleri spjega li dan is-sett ta' azzjoni li għadu kif ġie ffirmat jenfasizza l-bżonn ta' aktar riċerka, data management, value chain, parteċipazzjoni tas-settur fil-proċess tad-deċiżjonijiet, xogħol deċenti, rwol tan-nisa, klima u ambjent.

Is-Segretarju Parlamentari Camilleri qal li "l-oġġettiv ta' dan il-pjan ta' azzjoni huwa li malajr kemm jista' jkun jiġu identifikati l-karatteristiċi ta' dan is-settur ta' sajd artiġjanali fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed b'enfasi fuq l-importanza soċjoekonomika ta' dan is-settur".

Il-Perit Camilleri sostna li Malta dejjem kienet minn ta' quddiem biex jiġi mħares dan is-settur tant importanti għal pajjiżna u kien proprju fis-sena 2013 li taħt Gvern Laburista ġie mniedi l-ewwel simpożju għal dan is-settur f'Malta. Kien ukoll f'Malta li s-sena l-oħra ospitajna u ġie ffirmat l-MEDFISH4EVER.

Waqt il-konferenza stampa, il-Kummissarju Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, Karmenu Vella stqarr li "għal bosta snin, is-Sajd artiġjanali kien imsejjes fuq il-komunitajiet kostali tagħna fid-diversità rikka tal-kulturi tagħna. Mingħajrhom, l-isforzi tagħna biex inżommu l-istokkijiet tal-ħut b'saħħithom u siguri jkunu għalxejn. Nilqa' bi pjaċir il-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali tagħna għas-Sajd Artiġjanali għall-Mediterran u l-Baħar l-Iswed, pjan li permezz tiegħu se jibda x-xogħol tagħna biex insostnu l-għajxien tal-iżgħar u l-iżjed sajd vulnerabbli għall-10 snin li ġejjin. Ix-xogħol fejn nittrasformaw il-kliem fuq karta f'azzjoni jibda issa."

Il-Mediterran huwa baħar partikolari mdawwar b'pajjiżi kemm Ewropej kif ukoll Afrikani u sajjieda artiġjanali minn dawn il-pajjiżi kollha qegħdin kollha jistadu fl-istess baħar għall-istess speċi. Dawn il-pajjiżi magħqudin taħt il-kappa tal-GFCM (General Fisheries Commission for the Mediterranean) jaħdmu flimkien biex jiġbru d-data meħtieġa abbażi ta' liema jiġu mfassla regolamenti biex iħarsu dan wis-settur.

Is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd Clint Camilleri temm jgħid li Malta tilgħab rwol importanti f'din l-organizzazzjoni u fil-fatt kien għalhekk li bosta laqgħat importanti li jikkonċernaw dan is-settur ġew organizzati hawn Malta.




Photo - DOI - KEVIN ABELA

Iffirmat l-ewwel pjan ta' azzjoni reġjonali għas-sajd artiġjanali fil-Mediterran u l-Baħar l-Iswed

# IL-KAPPELLA TAL-PROVIDENZA, IS-SIĠĠIEWI

Dan l-artiklu nkiteb minn
David Bartolo
Riċerkatur tal-istorja ta'Malta

Fis-Siġġiewi, Belt Ferdinard, fi triq lejn l-inħawi ta' Għar Lapsi mhux il'bogħod mid-Dar tal-Providenza, tinsab kappella msejħa wkoll tal-Providenza.

Is-Siġġiewi huwa magħruf bħala Belt Ferdinard għax il-Gran Mastru Ġermaniż Ferdinard von Hompesch (1744-1805) li kien l-aħħar Gran Mastru li saltan fuq Malta bejn l-1797 u l-1798, u kien l-uniku Gran Mastru Ġermaniż f'Malta, wara talba minn Don Salvatore Curso f'isem is-Siġġiwin fit-30 ta' Diċembru, 1797 ta t-titlu ta' belt lil din il-lokalità.

Il-Kappella tal-Providenza tinsab fejn qabel kien hemm raħal antik Ħal Kbir li flimkien ma' tliet irħula oħra ġew magħquda u minn hawn ħareġ is-Siġġiewi. Din il-kappella bdiet tinbena f'Novembru tal-1750 u kienet ġiet ikkonsagrata fl-1753. Il-kwadru titulari li hemm illum, huwa xogħol il-Pittur Sqalli minn Palermo Giuseppe Velasqueza (1750-1827). Dan il-kwadru kien sar fl-1804 u minn hawn il-kappella bdiet tissejjaħ tal-Providenza.

Fl-1815, din il-kappella ntlaqtet minn sajjetta u ġarrbet xi ħsarat. Biex tissewwa l-ħsara, inbena portiku li huwa meqjus bħala wieħed mill-isbaħ li nsibu f'pajjiżna. F'din il-kappella nsibu għadd ta' pitturi oħra bħal dik ta' San Każma u San Damjan, il-Konverżjoni ta' San Pawl, il-Ħarba tal-Familja Mqaddsa lejn l-Eġittu, l-Assunta u San Filep. Il-Konnessjoni mal-Ħarba tal-Familja Mqaddsa tmur lura fl-1575 meta waqt iż-żjara ta' Monsinjur Dusina kien sab knisja ddedikata lill-Madonna fil-Ħarba tagħha fl-Eġittu f'dak li kien Ħal Kbir.

Interessanti li f'din il-kappella nsibu balla ta' kanun Tork li tinsab fil-ġenb tal-altar maġġur. Din hija tifkira ta' madwar 560 raġel mis-Siġġiewi li kienu parti mid-difiża tas-swar tal-Birgu fl-Assedju l-Kbir tal-1565.







Dan l-artiklu nkiteb minn
Malcolm Vassallo
Senior Manager ARPA

# FORZA MAĠĠURI

F'din it-taqsima ta' Nisġet Artna, se nagħtu ħarsa lejn il-proċess tal-Forza Maġġuri u x'użu jistgħu jagħmlu minnu l-bdiewa u l-benefiċjarji l-oħra tal-għajnuna mogħtija mill-Fondi tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) tal-Unjoni Ewropea.

Qabel kollox, huwa importanti li wieħed jifhem sew xi tfisser Forza Maġġuri. Il-liġijiet relevanti tal-Unjoni Ewropea jispjegaw il-Forza Maġġuri bħala ħaġa jew ċirkustanza li wieħed ma setax jipprevedi u li l-konsegwenzi tagħha ma setgħux ikunu evitati b'azzjoni raġonevoli. Biex nispjegaw aħjar dan il-kunċett se naraw ftit eżempji ta' każijiet fejn għandha ssir talba ta' Forza Maġġuri. Dawn jinkludu mewt tal-persuna li għandha obbligu jew kuntratt marbut mal-għajnuna finanzjarja li qed tibbenefika minnha, jew imwiet ta' annimali jew uċuħ minħabba xi mard li ma setax jiġi previst minn qabel u li magħhom kienet marbuta l-għajnuna finanzjarja. Każ ieħor ta' Forza Maġġuri jista' jinvolvi sitwazzjoni ta' nixfa jew avvenimenti klimatiċi oħra li ma jippermettux lill-benefiċjarji jwettqu bis-sħiħ l-obbligi tagħhom, jew li jkunu jeħtieġu eżenzjoni minn xi obbligu speċifiku sabiex jiġu evitati sanzjonijiet meta jsiru l-kontrolli fuq is-sit mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA). Fil-passat, tali talbiet ta' Forza Maġġuri rriżultaw f'eżenzjoni għal kull min kellu l-istess obbligu, mhux biss għal dawk li għamlu t-talba.

F'dawn l-aħħar snin l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) bdiet timplimenta proċess ġdid li jiffaċilita l-mod kif il-bdiewa jistgħu jagħmlu talbiet ta' Forza Maġġuri meta meħtieġ. Bidwi li jixtieq jagħmel tali talba, għandu jniżżel il-formola rilevanti mis-sit tal-ARPA (https://agriculture.gov.mt/en/arpa/Documents/2017/applicationForms/Force%20Majeure%20requests%20-%20Final.pdf), jimlieha u jissottomettiha sa mhux aktar tard minn 15-il ġurnata mid-data ta' meta ġrat iċ-ċirkustanza li wasslet għat-talba fil-Front Office tal-ARPA li jinsab ġewwa l-Pitkalija, Ta' Qali. Din l-applikazzjoni tiġi evalwata mis-Sezzjoni rilevanti tal-ARPA li abbażi tagħha tgħaddi r-rakkomandazzjoni tagħha dwar jekk għandhiex tiġi aċċettata jew le mill-Bord tal-Forza Maġġuri. Biex tittejjeb it-trasparenza fil-proċess u sabiex il-bdiewa jew il-benefiċjarji li għamlu t-talba jkollhom l-opportunità jispjegaw sew ir-raġunijiet warajha u possibilment jippreżentaw evidenza ulterjuri, l-ARPA qed timplimenta sistema ta' appuntamenti ma' kull min daħħal applikazzjoni għall-Forza Maġġuri. Dan ifisser li fejn qabel il-Bord kien jibbaża d-deċiżjonijiet finali tiegħu fuq l-applikazzjoni mdaħħla u fuq ir-rakkomandazzjoni tas-Sezzjoni rilevanti, issa qed tingħata opportunità oħra lill-bidwi biex ikompli jtejjeb l-argumenti tiegħu, u biex b'hekk jiġi eliminat ir-riskju li jittieħdu deċiżjonijiet inġusti minħabba nuqqas ta' informazzjoni jew interpretazzjoni ħażina.

Għal aktar informazzjoni rigward il-proċess ta' Forza Maġġuri u dwar kif wieħed jista' jagħmel użu minnu tista' ċċempel il-Front Office tal-Aġenzija fuq 2292 6148 jew tibgħat email lill-Aġenzija (arpa.mesdc@gov.mt).

**Sottomissjoni ta' Talbiet għal Każijiet ta' Forza Maġġuri għandhom isiru fi żmien 15-il ġurnata minn meta ġrat iċ-ċirkustanza, fil-Front Office tal-ARPA**

# €2 MILJUN BIEX JIĠU RRANĠATI U JINBNEW MILL-ĠDID TOROQ RURALI F'GĦAWDEX

Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Clint Camilleri żar fost l-oħrajn ir-raħal Ta' Sannat f'Għawdex fejn kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet fi Triq Bardan, waħda mis-16-il triq rurali f'Għawdex li ġew imtejba għall-benefiċċju tas-settur agrikolu u l-komunitajiet rurali. F'Malta u f'Għawdex qed isiru total ta' 61 triq rurali li jammontaw 'il fuq minn €11-il miljun. Dawn huma parti miż-żewġ miżuri li tħabbru ftit tax-xhur ilu, waħda biex jinbnew it-toroq rurali u l-oħra biex jiġu rranġati l-ħitan tas-sejjieħ.

Is-Segretarju Parlamentari semma kif permezz ta' dawn il-fondi qegħdin igawdu numru ta' Kunsilli Lokali fosthom lokalitajiet Għawdxin li huma Ta' Sannat, in-Nadur, ix-Xagħra, Kerċem, l-Għarb u ż-Żebbuġ.

It-toroq u l-passaggi rurali li qegħdin isiru huma:

Ta' Sannat: Triq Bardan;

In-Nadur: Triq Binġemma, Triq ta' Xurdin u Triq Inżul il-Franċiżi;

Ix-Xagħra: Triq tar-Ramla (tal-għejjun), Triq Għajn Wajtar, Triq Għajn Meddew, Triq tal-Wied tal-Għeżien, Triq ta' Garaffa u Triq Sruġ;

Iż-Żebbuġ: Triq Wied l-Infern u Triq Wied l-Abjad;

Kerċem: Triq l-Għadira;

L-Għarb: Triq Wied il-Knisja u t-Triq bejn Triq it-Trux u San Dimitri.

L-Onor. Camilleri qal li 'l fuq minn 1,000 bidwi mistennija jibbenifikaw minn dan it-titjib fl-aċċess ta' toroq rurali madwar il-gżejjer tagħna biex b'hekk ikunu jistgħu jtejbu l-attivitajiet tagħhom kif ukoll iżidu l-effiċjenza. Il-Perit Camilleri spjega kif Triq Bardan hija waħda mit-toroq rurali li huma ffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni Ewropea u tal-Gvern Malti, u li jaqgħu taħt il-Programm għall-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014-2020 u qal li l-għan tal-miżura 4.3 huwa li tingħata għajnuna sabiex Kunsilli Lokali u entitajiet oħra jkunu jistgħu jimplimentaw



proġetti li permezz tagħhom jitjieb l-aċċess għar-raba' u attivitajiet oħra agrikoli.

Għaldaqstant, qegħdin inkomplu nibnu fuq il-progress li sar fl-aħħar snin, sabiex numru ta' toroq li jagħtu aċċess għal diversi għelieqi f'Malta u Għawdex jerġgħu jinbnew jew jiġu rranġati skont il-bżonn. L-Onor. Camilleri stqarr b'sodisfazzjon li għalhekk, "permezz tal-għajnuna li se tingħata taħt din il-miżura, parti kbira mill-bdiewa u mir-raħħala Maltin u Għawdxin, se jkunu qed igawdu mit-titjib fl-aċċess biex b'hekk ikunu jistgħu jtejbu l-attivitajiet tagħhom kif ukoll iżidu l-effiċjenza."

Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura Camilleri qal ukoll li ladarba jitlesta t-tarmak se jibdew jiġu rranġati minnufih il-ħitan tas-sejjieħ. Fil-fatt l-għan prinċipali tal-miżura 4.4 huwa li tipprovdi għajnuna għal investimenti li jinkludu r-restawr tal-ħabitats u l-pajsaġġi, il-konservazzjoni tal-ħamrija u l-immaniġġjar tal-ilma. Camilleri spjega li d-domanda qawwija mill-bdiewa Maltin u Għawdxin sabiex jingħataw għajnuna finanzjarja biex jibnu jew jirrestawraw ħitan tas-sejjieħ qiegħda tkun indirizzata permezz ta' din il-miżura. Clint Camilleri spjega li permezz tal-interventi li se jsiru taħt din il-miżura se jkun qed jibbenefika s-settur agrikolu lokali kollu.

Il-Perit Camilleri qal li l-mira tal-Gvern hi li jkompli jkun dak li jintervjeni b'mod li jtejjeb il-kundizzjonijiet, l-infrastruttura u l-opportunitajiet li għandhom il-bdiewa li jwettqu l-attività tagħhom b'mod li jilħaq l-aspirazzjonijiet u x-xewqat tagħhom, kif ukoll il-miri tal-Politika Agrikola Komuni. Hu kompla jgħid li fost affarijiet oħra dan ifisser li rridu ngħinu lill-bidwi jkollu aċċess aħjar għar-raba', u li jtejjeb il-kontribut tal-għelieqi tiegħu għaż-żamma tal-ħamrija u l-bijodiversità.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura Clint Camilleri qal ukoll li biex is-settur agrikolu jkun aktar sostenibbli rridu naraw l-introduzzjoni ta' aktar metodi innovattivi u moderni. Dan huwa l-għan tal-Gvern u proprju r-raġuni għall-bżonn li nkunu proattivi u nagħtu spinta 'l quddiem sabiex nimplimentaw infrastruttura adegwata għall-bdiewa u r-raħħala Maltin u Għawdxin.



Photo - MESDC - Joseph Mercieca

€2 miljun biex jiġu rranġati u jinbnew mill-ġdid toroq rurali f'Għawdex

# IL-JUM IDDEDIKAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI

Dan l-artiklu nkiteb minn
Robert Cutajar
Prinċipal fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali

Nhar il-Ħadd 7 t'Ottubru id-Direttorat kien impenjat sabiex ittellgħet attività ddedikata għall-ħarsien tal-annimali f'pajjiżna.

L-esperiment, li din l-attività mmirata għall-familja kollha din is-sena ssir fil-Petting Farm f'Ta' Qali minflok fil-kumpless tal-Għammieri, intlaqa' tajjeb mill-pubbliku inġenerali u mill-għaqdiet volontarji li ħadu sehem. L-attendenza tal-pubbliku kienet waħda numeruża. Kull min attenda kellu l-opportunità li jiltaqa' ma' numru sabiħ ta' għaqdiet volontarji li jaħdmu fil-qasam tal-annimali, id-Direttorat offra wkoll servizzi ta' pariri b'xejn min-numru ta' veterinarji li kienu preżenti fl-istand tal-istess direttorat. Waqt l-istess attività uffiċjali mid-Direttorat komplew jintensifikaw il-ħidma sabiex aktar klieb u qtates li preżentament jinsabu fil-Kumpless tal-Għammieri jiġu addottati mill-pubbliku. Kif għamel fl-aħħar xhur il-poplu Malti u Għawdxi kompla jikkonkorri fejn kienu diversi dawk l-individwi li offrew li jaddottaw annimal.

Intlaqgħet tajjeb ukoll iż-żona għad-diskussjoni fejn matul il-ġurnata ġew trattati diversi temi b'numru ta' mistiedna ġew u qasmu l-esperjenzi tagħhom. Fost it-temi diskussi kien hemm dawk tal-effett terapewtiku li annimal jista' jkollu fuq il-bniedem, il-ħidma li jwettqu l-klieb fil-Korp tal-Pulizija, fit-Taqsima tad-Dwana, fil-Protezzjoni Ċivili kif ukoll fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Ingħatat informazzjoni minn rappreżentanti ta' għaqdiet lokali li jaħdmu fil-qasam tal-Ħarsien tal-Annimali f'pajjiżna kif ukoll kellna numru ta' għalliema li tkellmu fuq iż-żjarat li uffiċjali tad-Direttorat jagħmlu b'mod regolari fl-iskejjel madwar Malta u Għawdex u x'effetti pożittivi dawn iż-żjarat qed iħallu fuq it-tfal tagħna.

Waqt din l-attività, li nfetħet mid-Direttur is-Sur Noel Montebello, assistejna wkoll għall-quddiesa kif ukoll għat-tberik tal-annimali. Ma naqsitx żona ddedikata għat-tfal kif ukoll fuq palk armat apposta għall-okkażjoni ttellgħet varjetà għall-familja kollha fejn spikkat fost l-oħrajn il-parteċipazzjoni ta' kantanti u żeffiena bravi kif ukoll intlaqa' tajjeb il-karattru popolari mat-tfal Fonzu l-Fenek. Ix-xow li taw il-klieb tal-pulizija kien ukoll mument ħelu li ntlaqa' tajjeb minn dawk preżenti.

Din l-attività fuq kollox fissret ukoll li dawk kollha li attendew setgħu japprezzaw aktar il-ħidma kontinwa u bla waqfien li qed issir f'pajjiżna minn dawk kollha involuti fil-qasam tal-ħarsien tal-annimali. Id-Direttorat jinsab determinat li fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin ikompli jaħdem sabiex ikompli jinforma u jeduka biex jibqa' jasal b'saħħtu l-messaġġ li flimkien nistgħu nkomplu nagħmlu differenza anke fejn jidħol il-ħarsien tal-annimali f'pajjiżna.



Divertiment għall-familja kollha



Żona ta' diskussjoni




Stand tal-adozzjoni tal-annimali



Wieħed mill-klieb għall-adozzjoni waqt l-attività tal-animal awareness day



Wirja tal-klieb tal-pulizija

# €80,000 F'SERVIZZI VETERINARJI B'XEJN – TITWETTAQ WEGĦDA ELETTORALI OĦRA

Is-Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali nieda s-servizzi veterinarji b'xejn lill-NGOs u s-santwarji tal-annimali. L-Onorevoli Clint Camilleri qal li "qegħdin inwettqu wegħda elettorali oħra bil-għan li tkun provduta assistenza veterinarja b'xejn lill-organizzazzjonijiet volontarji li huma attivi f'dan il-qasam. Miżura li għaliha fil-Baġit 2018 kienu allokati €80,000."

Is-Segretarju Parlamentari qal li fil-preżent hemm 11-il NGO jieħdu ħsieb l-annimali li jinkludu qtates, klieb u żwiemel - 3 NGOs tal-klieb, 5 tal-qtates, 2 taż-żwiemel u 1 tal-qtates u l-klieb. Bejniethom qegħdin jieħdu ħsieb 1,097 li jinqasmu kif ġej – 245 kelb, 829 qattus u 23 żiemel.

Il-Perit Camilleri spjega li se jkunu qegħdin jingħataw €40 għal kull kelb jew qattus u €160 għal kull żiemel u li l-NGOs u s-santwarji se jibbenefikaw mill-ammont sħiħ mingħajr ma joħorġu spejjeż amministrattivi żejda.

Barra minn hekk, dan il-metodu ta' allokar ta' fondi huwa iżjed faċli, jieħu inqas ħin u huwa akkontabbli. Il-Fondi jistgħu joħorġu immedjatament ladarba l-informazzjoni provduta mis-santwarji tal-annimali tkun ivverifikata u ċċertifikata li hija korretta. B'hekk jiġi eliminat ukoll kull tip ta' abbuż li jista' jkun hemm.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet tal-Annimali Clint Camilleri qal li l-NGOs se jiġu allokati somma globali skont kemm għandhom annimali u dan se jkun ivverifikat mad-database tal-microchip. Fil-fatt din id-distribuzzjoni ta' fondi tqieset ukoll ġusta u raġonevoli mill-NGOs. Din is-sistema ma tinkludix piż amministrattiv jew burokratiku żejjed minħabba li l-ebda metodu u kumpless ta' ġbir ta' dokumentazzjoni ulterjuri mill-NGOs ma huwa meħtieġ.

L-Onor. Camilleri stqarr li kulħadd jaf kemm il-ħarsien tal-annimali huwa prijorità għal dan il-Gvern u qed naħdmu ħafna anki bil-għajnuna tal-Animal Welfare sabiex inkomplu ntejbu s-sitwazzjoni. Huwa rringrazzja lid-Direttur u lill-ħaddiema għall-ħidma bla waqfien tagħhom kif ukoll lill-Għaqdiet Mhux Governattivi tax-xogħol siewi li jagħmlu għall-ħarsien tal-annimali.

Il-bqija tal-fondi se jiġu utilizzati permezz tal-Isptar Veterinarju APH għall-għoti ta' proċeduri dijanjostiċi aktar kumplessi, operazzjonijiet u dħul fl-isptar/kura kritika intensiva. Dan huwa servizz li l-uniku sptar tal-annimali jista' jipprovdi għall-pazjenti li se jiġu riferuti mill-veterinarji tal-NGOs sakemm il-fondi jiġu eżawriti.




Photo - MESDC - Joseph Mercieca

Servizzi veterinarji b'xejn lill-NGOs



# BORRA

Hello tfal kif intom? Nispera li kellkom vaganzi tas-sajf sbieħ mimlija logħob u divertiment. Forsi wkoll mortu sa fejn il-baħar u rajtu xi pjanti tal-għaram tar-ramel li tkellimna fuqhom fir-rivista tas sajf.

Issa li riesaq il-Milied se nġegħelkom tħossu l-bard għaliex se nitkellmu fuq il-borra. Ġieli rajtu xi kartolini tal-Milied fejn l-ambjent ikun mimli b'tapit abjad? Ġieli staqsejtu jekk Malta tistax taqa' borra? X'taħsbu?

**Il-Borra ...Tista' tinżel f'Malta?**

It-temperatura tajba sabiex tinżel il-borra hija dik ta' taħt 0 °C. Mill-istratosfera jiġifieri fejn insibu s-sħab sal-art, it-temperatura trid tkun dejjem kiesħa għaliex, jekk jkun hemm arja sħuna xi mkien fit-triq lejn l-art, jinżel is-silġ minflok.

F'Malta f'dawn l-aħħar 200 sena sitt darbiet biss ġie rappurtat illi niżlet il-borra. F'Jannar ta' 1962 ħafna postijiet f'Malta kienu miksija bil-borra. Infatti kien hemm bejn tnejn sa tliet ċentimetri ta' borra madwar Malta.

Ilkoll nafu li Malta għandna klima fejn ix-xitwa hija biss kiesħa b'mod moderat filwaqt illi s-sajf huwa sħun ħafna. Dan huwa possibbli kemm minħabba l-pożizzjoni li għandha Malta fid-dinja kif ukoll minħabba li aħna mdawrin bil-baħar. Il-baħar sħun tal-Mediterran iġib miegħu umdità u iktar xita fiż-żmien tax-xitwa. Però min jaf bit-taqlib tal-klima li qegħdin nesperjenzaw dan l-aħħar ikollniex il-miraklu tal-borra din ix-xitwa?!

Dan l-artiklu nkiteb minn
Maria Micallef
Uffiċjal Agrikolu Anzjan



YouTube

https://www.youtube.com/watch?v=ozQJIBqFbJI
**Għaċ-ċkejknin**

https://www.youtube.com/watch?v=M8oM9jF3P5M
**Primarja/Sekondarja**

https://www.youtube.com/watch?v=zgaAqGeVTdI
**Snowflake tal-karti**

# Riċetti TA' ANTON B DOUGALL



## PUDINA TAL-ĦOBŻ

### Ingredjenti A

- 300g suet (xaħam tal-kilwa)
- 120g dqiq plain
- 50g intrita pura

### Ingredjenti B

- 180 g frak tal-ħobż (ħobż tat-toast niexef abjad jew ismar mingħajr il-qoxra u mfarrak)

### Ingredjenti Ċ

- 240g sultana
- 240g żbib
- 300g passolina
- 60g konfettura mqattgħa
- 180g zokkor ismar
- 45g treacle iswed

### Ingredjenti D

- 60 tina mqadda
- 30ml ilma

### Ingredjenti E

- 8g (ħwawar imħallta) mixed
- spice
- 4g melħ
- 150g bajd
- Meraq u qoxra ta' lumija
- Meraq u qoxra ta' larinġa
- Nofs flixkun guinness jew lacto
- 30g ħalib

### Metodu

Agħmel taħlita tal-ingredjenti A u żid il-frak tal-ħobż.
Ħallat flimkien taħlita A, B, Ċ, D u agħmel ħofra fin-nofs.
Ħokk il-qxur tal-larinġa u tal-lumija u ħallat l-ingredjenti E flimkien. Wara dan ħallat l-ingredjenti kollha, għatti bl-istretch and seal, sarvetta u poġġi fil-friġġ għal 24 siegħa jew aktar.
Idealment il-pudina tibda tissajjar minn filgħodu.

Ipprepara l-iskutelli midluka u imla bit-taħlita sa fuq nett. Poġġi biċċa stretch and seal u dawwar l-iskutella sewwa bih ħalli ma jidħolx ilma. Poġġi sarvetta fil-wiċċ u orbotha mal-iskutella bi spaga. Issa tella' l-ponot tas-sarvetta u agħmel għoqda kbira fil-wiċċ.
Għalli ġo borma bil-misħun. L-iskutella trid tkun mgħarrqa u l-misħun dejjem irid ikun jagħli.
Sajran

- 450g għal 4 sigħat
- 900g għal 6 sigħat
- 1800g għal 8 sigħat

Tista' wkoll issajjar ġo pressure cooker.

Meta tkun lesta neħħi mill-ilma. Poġġi fuq platt u neħħi l-għoqda imma ħalli s-sarvetta sakemm tiksaħ. Neħħi s-sarvetta, imsaħ sewwa l-iskutella u ħalli l-istretch and seal.
Erġa' orbot sarvetta nadifa u ħalliha hemm sakemm tiġi biex tużaha.

Meta tiġi biex tużaha trid terġa' ssaħħan.
Il-Pudina tal-Milied tisserva sħuna bil-Brandy sauce magħha. Qatt m'għandek isservi l-pudina kiesħa. Pudina tajba tista' tinżamm anki għal sena jekk tinżamm f'ambjent xott.

### Brandy Sauce

Dan huwa ferm tajjeb, u importanti li jisserva mal-pudina tal-Milied. Tista' tuża' kemm Brandy kif ukoll Rum skur.

### Ingredjenti

- 300ml ħalib
- 30g zokkor
- 15g butir
- 22g cornflour
- Ftit vanilla
- Brandy jew Rum

### Metodu

Dewweb il-cornflour bi ftit ħalib. Għalli l-kumplament tal-ħalib, taz-zokkor u tal-vanilla. Meta jagħli żid il-cornflour. Għalli u ħawwad. Neħħi minn fuq in-nar. Żid il-butir, ir-Rum jew il-Brandy. Servi sħun mal-Pudina tal-Milied.


SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GHALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI